



# Appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal fl-Ewropa

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Il-biċċa l-kbira tad-dibattitu dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-benesseri tat-tfal iffoka fuq kwistjonijiet bħal servizzi għall-kura tat-tfal, arranġamenti flessibbli tax-xogħol u allowances tat-tfal. Filwaqt li l-influenza tat-trobbija tat-tfal fuq il-benesseri u l-opportunitajiet futuri tat-tfal hija rikonoxxuta b'mod wiesa', huwa biss reċentement li l-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal u l-edukazzjoni qiegħed jiġi meqjus bħala investiment soċjali li jikkontribwixxi lejn it-tnaqqis tal-istress tal-ġenituri u jgħin lill-ġenituri jġestixxu l-impenji tax-xogħol u tal-familja b'suċċess. Ħiliet tajba tat-trobbija tat-tfal għandhom impatt pożittiv ħafna fuq l-iżvilupp fiżiku, emozzjonali u intellettuali tat-tfal. L-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal jista' jippromwovi s-saħħa u l-benesseri tat-tfal billi juri lill-ġenituri kif jidentifikaw problemi ta' saħħa mentali jew jagħtihom pariri dwar in-nutrizzjoni. Jista' wkoll jagħti gwida lill-ġenituri dwar kif itejbu l-imġiba u l-kisbiet tat-tfal tagħhom fl-iskola. Is-swat jista' jitqies bħala forma estrema ta' trobbija ħażina tat-tfal: korsijiet dwar it-trobbija tat-tfal jgħallmu lill-ġenituri kif isolvu kunflitti d-dar b'mod kostruttiv u affermattiv. L-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal u l-edukazzjoni jgħinu biex dawn l-għanijiet jintlaħqu billi jagħtu s-setgħa lill-ġenituri u jtejbu l-ħiliet tagħhom permezz ta' pariri, korsijiet ta' taħriġ, kampanji ta' sensibilizzazzjoni u materjali tat-tagħlim.

Bħala parti mir-riċerka kontinwa tagħha dwar il-familji u l-ħajja tax-xogħol, reċentement l-Eurofound wettqet ħidma fl-oqsma tal-appoġġ fit-trobbija tat-tfal u l-edukazzjoni għall-ġenituri. Ir-rapport li jirriżulta jipprovdi informazzjoni komparabbli dwar appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal u servizzi ta' edukazzjoni għall-familji bit-tfal, b'mod partikolari servizzi għall-familji bi tfal żgħar qabel l-età ta' meta jibdedu l-iskola. Ir-rapport jibbaża ruħu fuq informazzjoni miġbura minn revijżjoni tal-letteratura u fuq seba' rapporti ta' pajjiżi li eżaminaw l-għoti tas-servizz fl-Awstrija, fil-Belġju, fl-Estonja, fl-Ungerija, fl-Irlanda,

fil-Portugall u fl-Isvezja. Kull rapport tal-pajjiż jinkludi studji ta' każijiet ta' servizzi li ntużaw bħala linja gwida biex jiddeterminaw x'jaħdem tajjeb.

### Kuntest tal-politika

Żviluppi internazzjonali fil-qasam tal-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal xprunaw inizjattivi ta' politika fuq livell nazzjonali. Ir-ratiffika tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1990 dwar id-Drittijiet tat-Tfal fl-Isvezja wasslet għal inizjattivi fit-trobbija tat-tfal li kellhom impatt pożittiv fuq is-saħħa u l-benesseri tat-tfal f'dak il-pajjiż. Matul is-Sena Internazzjonali tal-Familja (1994), ġie fformat grupp ta' ħidma dwar l-edukazzjoni tal-ġenituri fuq livell federali fl-Awstrija, li wassal għall-iżvilupp ta' bażi legali għall-appoġġ finanzjarju tal-edukazzjoni tal-ġenituri. Ir-Rakkomandazzjoni 19 (2006) tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar politiki biex jappoġġjaw it-trobbija pożittiva tat-tfal influwenzat l-istabbiliment ta' liġijiet u programmi ġodda fil-Belġju u fl-Estonja.

L-Unjoni Ewropea qed tagħti attenzjoni akbar lill-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal, prinċipalment permezz ta' proġetti ta' riċerka u attivitajiet ta' tagħlim reċiproku. Madankollu, l-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal f'it li xejn kellu parti fid-dibattitu dwar l-edukazzjoni u l-kura fl-ewwel snin tat-tfulija, il-faqar tat-tfal jew fid-djalogu soċjali dwar ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u tal-familja.

### Sejbiet ewlenin

L-indirizzar ta' prekonċezzjonijiet eżistenti dwar l-għanijiet ta' appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal u l-utenti maħsuba tas-servizzi huwa l-ewwel pass lejn it-tisħiħ tal-adozzjoni tas-servizzi. Jidher li ħafna ġenituri mhumiex ħerqana li jużaw is-servizzi jew għax jibzgu li jiġu tikkettati bħala 'ġenituri ħżiena' jew għax jemmnu li dan it-tip ta' appoġġ huwa biss għal

familji li qegħdin f'riskju ta' esklużjoni soċjali. Mod wieħed li bih il-fornituri ta' dawn is-servizzi jippruvaw iżidu l-użu huwa billi jadottaw approċċ ta' 'titjib tal-ħiliet' minflok 'approċċ ta' nuqqas' li għandu t-tendenza li jinvalida l-ħiliet attwali tal-ġenituri.

F'termini tal-introduzzjoni ta' servizzi, esperti u organizzazzjonijiet li jaħdmu mal-familji u mat-tfal jappoġġjaw 'universalità progressiva' (jiġifieri appoġġ disponibbli għal kulħadd, b'aktar appoġġ għal dawk li jeħtieġuh l-aktar) bħala l-aktar forma effettiva u l-anqas stigmatizzanti ta' twassil. Meta jiġu biex jilhqqu gruppi speċifiċi, servizzi li jadottaw strateġija li biha l-fornituri tas-servizz jmorru direttament fid-dar tal-familja ('ġo structure') urew li huma partikularment utli.

Ir-riċerka wriet li għad hemm ħafna xogħol xi jsir biex jinkoraġġixxi l-involvement tal-missirijiet fi programmi ta' appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal. Jekk il-livelli baxxi attwali ta' parteċipazzjoni ma jitjebux, l-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal qiegħed f'riskju li jsaħħaħ mudell tal-familja fejn l-omm hija rikonoxxuta bħala l-esperta 'iċċertifikata' fit-trobbija tat-tfal fid-dar.

Il-persunal li jwassal dawn is-servizzi huwa varjat ħafna, u jinkludi mhux biss edukaturi soċjali, psikologi, ħaddiema soċjali (social workers), avukati u medjaturi tal-familja, iżda wkoll professjonisti tas-saħħa bħal infermiera tal-maternità u tas-saħħa pubblika u tobba. Ħafna korsijiet jingħataw minn voluntiera u persunal ingaġġat abbażi ta' proġett. F'ħafna każijiet, dan ifisser li jkun hemm tibdil kbir tal-persunal, li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-ħiliet relazzjonali tal-persunal - fattur kruċjali fl-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal.

Xi pajjiżi żviluppaw b'suċċess taħriġ fl-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal. L-Istandards Okkupazzjonali Nazzjonali għal Ħidma ma' Ġenituri fir-Renju Unit, pereżempju, jintużaw biex jidentifikaw lakuni ta' taħriġ, jistabbilixxu indikaturi ta' prestazzjoni, u jipprovdu l-pjattaforma għall-evalwazzjonijiet u deskrizzjonijiet tax-xogħol. FI-Awstrija, dawk li jaħdmu fil-qasam tal-appoġġ lill-ġenituri huma meħtieġa jgħaddu minn programm ta' taħriġ ta' 500 siegħa ffokat fuq l-edukazzjoni tal-ġenituri fit-trobbija tat-tfal.

L-evalwazzjoni hija problema għal ħafna mill-fornituri tas-servizz, peress li ħafna drabi ma jkollhomx inċentivi jew il-persunal u r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex ikejlu r-riżultati b'mod komprensiv. Hemm it-tendenza li l-kontroll tal-kwalità jsir permezz ta' linji gwida għall-finanzjament jew pressjoni mill-pari (eż. il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fost l-awtoritajiet lokali Svediżi). Programmi standardizzati, li huma popolari f'bosta pajjiżi Ewropej, ta' spiss ġew soġġetti għal tipi formali ta' evalwazzjoni bħal provi

b'mod każwali ta' kontroll. Xi esperti kkritikaw l-enfasi fuq l-evalwazzjoni formali peress li hemm ir-riskju li prattiki promettenti jiġu jitwarrbu.

## Indikazzjoni tal-politika

- Id-definizzjoni ċara ta' dak li jikkostitwixxi appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal, il-konfini u l-għanijiet tiegħu hija kruċjali għat-twassil b'suċċess tas-servizzi. Peress li l-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal jolqot għadd ta' oqsma bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-benesseri soċjali, hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti delimitazzjonijiet ċari dwar ir-rwol tas-servizzi sabiex jiġu evitati lakuni u dupplikazzjonijiet fil-provvista.
- Sabiex titjeb l-adozzjoni ta' servizzi u l-ħtiġijiet tal-utenti tas-servizz jiġu sodisfatti, huwa importanti li jsiru disponibbli firxa wiesgħa ta' forum ta' appoġġ.
- It-tnaqqis tal-ispiża tas-servizzi u l-offerta ta' faċilitajiet għall-kura tat-tfal fil-post tas-servizz inkoraġġixxa wkoll lil aktar ġenituri biex jipparteċipaw fil-korsijiet tat-trobbija tat-tfal. Gruppi ta' pari huma forma ta' appoġġ li ta' spiss jintalbu mill-ġenituri: dan wera li kien ta' suċċess biex ihegħiġhom waqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali. F'xi muniċipalitajiet fl-Isvezja, l-adozzjoni ta' programmi minn irġiel u minn migranti żdiedet permezz tal-ingaġġ ta' persunal minn dawn il-gruppi.
- It-titjib tal-kwalifiki tal-forza tax-xogħol jinvolvi t-tnaqqis tat-tibdil tal-persunal u l-kisba ta' finanzjament għall-proġetti. Dan jinkludi mhux biss kwalifiki formali iżda wkoll it-tagħlim ta' kif tistabbilixxi relazzjoni ta' ħidma bla xkiel mal-ġenituri.
- L-appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal ta' spiss jiġi pprovdut fil-forma ta' programmi internazzjonali standardizzati. Dawn il-programmi huma bbażati fuq l-evidenza u normalment ikunu ġew soġġetti għal evalwazzjonijiet komprensivi bħal provi kkontrollati b'mod każwali. Madankollu, sabiex ikunu effettivi dawn il-programmi jeħtieġ jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-grupp fil-mira tagħhom. F'xi każijiet, programmi internazzjonali ġew adattati bl-għajjnuna ta' istituti ta' riċerka u permezz ta' stħarriġ u studji ta' evalwazzjoni tal-ħtiġijiet.

### Aktar informazzjoni

Ir-rapport *Appoġġ lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal fl-Ewropa* se jkun disponibbli minn Jannar 2013 fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1270.htm>

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Daniel Molinuevo, uffiċjal tar-riċerka, fuq [dmo@eurofound.europa.eu](mailto:dmo@eurofound.europa.eu)